MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## VALENZIA GEOFFREY

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1137/2002

**Cassar Ship Repair Limited**
**Vs**
**M/V Celtic Horizon**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi hija depozitarja tal-bastiment konvenut li gie mholli ghandha ghall-kustodja, kura, u preservazzjoni, kif huwa d-dmir ta' depozitarju, u dan b'rata ta' hlas stabbilita.

Premess li l-bastiment konvenut baqa' jhallas r-rati dovuti tramite l-agenti tieghu Ronasons International Limited, pero' dawn il-pagamenti waqfu fil-hdax (11) ta' Marzu, 2002, u baqghu ma thallsux minn hemm 'l quddiem.

Premess li sas-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Settembru, 2002 il-konvenut gie ghandu jaghti lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ ghaxart elef tmien mija u tmenin lira Maltija (Lm10,880), kif jidher minn *statement* hawn anness u mmarkat dokument A, salvi rati ohra li jiskadu wara din id-data.

Premess li din is-somma ta’ Lm10,880 hekk dovuta baqghet ma gietx imhallsa nonostante interpellazzjonijiet ghal hlas.

Premess li dan id-debitu huwa cert, likwidu, u dovut, u jinkwadra ruhu fid-disposizzjonijiet tal-artikolu 167 *et seq*. Tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-konvenut m’ghandux ikollu eccezzjonijit x’jaghti.

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. tikkundanna lil bastiment konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma fuq imsemmija ta’ ghaxart elef tmien mija u tmenin lira Maltija (Lm10,880) ghar-ragunijiet fuq ukoll imsemmija ; u

2. Tiddeciedi l-kawza bid-dispenza tas-smiegh skond id-dispost tal-artikolu 167 et seq. Tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez u bl-imghax.

Rat id-dijarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil bastiment konvenut li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet ix-xhieda tal-attur;

Semghet l-avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-bastiment konvenut tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-bastiment konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**